TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 147/21/F

**Daniel Cutajar**

**vs**

**Patrick Grech eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' Patrick Woodwork**

Illum, 13 ta' Ottubru, 2022

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar it-3 ta' Settembru 2021 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bil-formola tar-Risposta nhar it-28 ta' Frar 2022 f'idejn l-intimat innifsu;

Ra li l-intimat naqas milli jippreżenta risposta u naqas ukoll milli jidher għas-seduta tat-30 ta' Mejju 2022 li għaliha kien debitament notifikat;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent bil-ġurament.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' sitt mija u disgħin Euro (€690.00) li huwa kien ħallas bħala *deposit* lill-intimat fuq sett għamara tal-kamra tas-sodda, liema għamara, skont il-ftehim bejn il-partijiet datat 13 ta' Jannar 2018, kellha tiġi konsenjata sal-15 t'April 2018.

Illi l-istess Rikorrent spjega li minkejja li huwa ħallas id-*deposit* kif mitlub, l-għamara in kwistjoni baqgħet qatt ma waslet u dan nonostante li kien hemm ħafna insistenza minn naħa tar-Rikorrent kemm telefonikament kif ukoll tramite l-assistenza tal-MCCAA. Fil-fatt ir-rikorrent jispjega taħt ġurament illi huwa rrikorra fil-post tan-negozju tal-intimat madwar erbgħin darba bit-tama li jkun hemm żblokk fis-sitwazzjoni u li kien hemm episodju għall-
Ħabta ta' Lulju 2021 fejn l-intimat kien ipprometta li kien ser jirrifondi d-depożitu imma lanqas dan ma immaterjalizza.

Illi l-intimat effettivament naqas milli jqajjem difiżi in kontestazzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent.

Illi t-Tribunal iqis li r-Rikorrent ipprova l-każ tiegħu b'mod sodisfaċenti skont il-liġi u għalhekk, it-Talba tiegħu timmerita akkoljiment.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqaha u jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-Rikorrent is-somma ta' sitt mija u disgħin Euro (€690.00).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tal-intimat.**

**Avv. Mattia Felice**
*Arbitru*